# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 58

Data tal-laqgħa: 22 ta' Lulju, 2022

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Lulju 2022 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Abraham Aquilina |
| Assenti b'appoloġija | Marilena Hassan |
| | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fil-5.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**58/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**58/01/01** Ma kienx hemm.

**58/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħat Numru 55, 56 u 57**

**58/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**58/02/02** **Para 55/02/03:** Is- Segretarju Eżekuttiv qalet li ħa ssir laqgħa mal-Onor. Dr Clifton Grima nhar it-Tlieta, 26 ta' Lulju 2022 fi 12:30p.m.

**58/02/03** **Para 55/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li talbet laqgħa mal-Lands Authority biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola.

**58/02/04** **Para 55/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li talbet laqgħa mal-Lands Authority biex nieħdu għelieqi abbandunati li jistgħu jintużaw għall-parkeġġ.

**58/02/05** **Para 55/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser terġa' tikkuntattja lil Perit Rita Vella mill-Planning Authority fuq il-fondi mill-UIF għal Ġnien il-Paċi u l-Ġnien ta' Żagħruna.

**58/02/06** **Para 55/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li fuq il-bozza l-ġdida ta' Triq iċ-Ċawl il-Planning Authority għad trid tieħu deċiżjoni.

**58/02/07** **Para 55/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ma rċivejniex risposta fuq talba lil Lands Authority għall-amministrazzjoni tal-Ferħa Estate.

**58/02/08** **Para 55/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet fakkret lil Infrastructure Malta fuq il-bankina ta' Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero.

**58/02/09** **Para 55/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-*Community Garden* ma smajna xejn.

**58/02/10** **Para 55/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rigward Triq Għaxqet l-Għajn minn *bollard* sa *bollard* għalissa għadha pendenti.

**58/02/11** **Para 55/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tordna l-*information panel* dwar is-Superjur Guido Tanti.

**58/02/12** **Para 55/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fakkret lill-kuntrattur fi tabella għal kull entratura li fiha tiġbor il-ħafna tabelli li hemm fi Ġnien il-Paċi.

**58/02/13** **Para 55/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet fakkret lil Infrastructure Malta biex sqaq fit-Triq tal-Ferha jsir bil-konkos.

**58/02/14** **Para 55/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ħajjata ġiet tieħu l-qisien għal cover tal-platform lift.

**58/02/15** **Para 55/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ż-żewġ ħnejjiet ta' Ġnien il-Paċi lesti.

**58/02/16** **Para 55/02/20** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tiġbor stimi għal mejda ta' chess/tennis fil-Ġnien ta' top of the world.

**58/02/17** **Para 55/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet kitbet lil Lands Authority rigward il-proposta biex it-Torri tas-Semaforu jinbidel f'Mużew tal-Komunikazzjoni bir-Radju.

**58/02/18** **Para 55/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq l-iskema dwar Restawr ta' Postijiet / Monumenti Storiċi f'Malta 2022/2023 ma smajna xejn.

**58/02/19** **Para 55/02/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet lill-kuntrattur biex iressaq l-STOP ta' mal-art iktar 'il quddiem fi Sqaq tal-Ħofra.

**58/02/20** **Para 55/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ċċirkolat l-informazjoni dwar il-ġemellaġġ mal-Kunsilliera.

**58/02/21** **Para 55/05/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li applikat mal-Enemalta biex issir bozza ġdida fi Triq l-Indipendenza ħdejn id-*dog bin*.

**58/02/22** **Para 55/05/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv kitbet lil Transport Malta biex tistaqsi jekk jistgħux jsiru żewġ *sleeping police* fi Triq San Ġwann.

**58/02/23** **Para 55/05/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat tabella ta' *No Parking* fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**58/02/24** **Para 55/05/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-serata tal-Unur Excelsior kienet suċċess.

**58/02/25** **Para 55/05/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill appella fuq il-permess PA/00403/22.

**58/02/26** **Para 55/05/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma hemmx fejn isir *dog bin* fi Triq il-Ġdida.

**58/02/27** **Para 55/05/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*feature* li ħa jintwera waqt l-inawgurazzjoni tal-monument il-ġdid ta' San Bartilmew ħa jsir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Reġjonali Lvant.

**58/02/28** **Para 55/05/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser isir xi tip ta' dawl mal-*bollards* tal-Kunsill.

**58/02/29** **Para 55/05/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ħaxix ta' Xwieki Housing Estate nqata'.

**58/02/30** **Para 55/05/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser toħroġ Works Order lil Bertu Aquilina sabiex jiżbogħ il-ħitan tal-Ġnien ta' Żagħruna.

**58/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**58/03/01** Is-Sindku pproponiet li meta tinfetaħ il-klinika tissemma għal Dr Victor Theuma. Dr Theuma għamel ħafna ġid. Il-Kunsill qabel unanimament u ser jgħaddi din il-proposta lil Primary Healthcare.

**58/03/02** Is-Sindku pproponiet li ssir mera ħdejn Juniper Mews fi Triq San Ġwann. Il-Kunsill qabel unanimament.

**58/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**58/04/01** Ma kienx hemm.

**58/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**58/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 15 ta' Ġunju 2022).

**58/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 22 ta' Ġunju 2022).

**58/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 28 ta' Ġunju 2022).

**58/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Joanna Incorvaja – Għargħur Plug-in charging stations.

**58/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Michelle Scerri – SPI/SCI/9/2021 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2022.

**58/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Lorraine Buttigieg – Parking spaces.

**58/05/07** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 6 ta' Lulju 2022).

**58/05/08** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 13 ta' Lulju 2022).

**58/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Michelle Scerri – SPI/SCI/8/2022 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2022.

**58/05/10** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Michelle Scerri – SPI/SCI/7/2022 – Espressjoni ta' Interess – World Cleanup The World Campaign 2022. Il-Kunsill qabel unanimament li napplikaw flimkien ma' Kunsill Reġjonali Lvant.

**58/05/11** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Roberta Carabott – Cir AKL 2022/66 AKL Summer Event 05/08/2022. Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv ser jattendu għal din l-attivita'.

**58/05/12** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Jeanette Galea Cir AKL 2022/072 European Week of Regions and Cities – Brussels Oct 2022.

**58/05/13** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 20 ta' Lulju 2022).

**58/05/14** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta rigward applikazzjoni għal 1.5 Keep Clear Bay / Reserved Parking Bay ħdejn Blk 1, Triq 31 ta' Marzu, Gharghur.

**58/05/15** Ġiet innutat stima mingħand C.C.Security Systems rigward CCTV. Il-Kunsill qabel unanimament.

**58/05/16** Fuq it-talba għal *dog bin* fi Triq l-Isqof Gargallo. Il-Kunsill ma laqax din it-talba għax diġa' hemm wieħed.

**58/05/17** Fuq it-talba għal żewġ *bollards* qosra ħdejn 3-5 Triq il-Kbira. Il-Kunsill ma laqax din it-talba għax it-triq dejqa.

**58/05/18** Fuq it-talba biex titneħħa tabella mal-faċċata ta' dar fi Triq San Bartilmew sakemm isir ir-restawr. Il-Kunsill qabel unanimament. Fuq it-talba biex flok bozza isir fanal mal-faċċata ta' dar fi Triq San Bartilmew. Il-Kunsill ma laqax din it-talb għax f'dik it-triq ma hemmx fanali.

**58/05/19** Fuq is-suġġeriment biex flok telephone jitpoġġa defibrillator fit-telephone box tal-pjazza. Il-Kunsill jaqbel ma' dan is-suġġeriment.

**58/05/20** Fuq id-diversi ilmenti rigward storbju minn żgħażagħ fi Triq San Nikola hekk kif jingħalaq Ġnien l-Paċi. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tinforma lill-pulizija.

**58/05/21** Fuq id-diversi ilmenti rigward nuqqas ta' infurzar fi Triq il-Mitħna. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tinforma lill-pulizija.

**58/05/22** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li meta Sa. Nathalie Micallef tkun Malta ddur it-tpinġija ta' Ġnien il-Paċi fejn għamlulna l-ħsara. Il-Kunsill qabel unanimament.

**58/05/23** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li ssir CCTV camera oħra fi Ġnien il-Paċi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**58/05/24** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li nibdlu l-*information panel* ta' ħdejn il-kappella ta' San Nikola u l-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa. Il-Kunsill qabel unanimament.

**58/05/25** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li nixtru 4 qsari għal ħnejjiet ta' Ġnien il-Paċi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**58/05/26** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li wara l-festa nwaħħlu l-*information panel* dwar il-knisja ma' dawra taz-zuntier. Il-Kunsill qabel unanimament.

**58/05/27** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li l-ħaddiem Fredu Cuschieri jidħol x-xogħol fi tmiem il-ġimgħa tal-festa ta' San Bartilmew. Il-Kunsill qabel unanimament.

**58/05/28** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li jinżabru s-siġar ta' Vjal ir-Repubblika. Il-Kunsill qabel unanimament.

**58/05/29** Is-Sur Abraham Aquilina qal li speċjalment fil-ġimgħa tal-festa importanti li t-toroq ikunu nodfa.

**58/05/30** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li nġibu 10 barriers mid-depot tal-pulizija għal ġimgħa tal-festa ta' San Bartilmew. Il-Kunsill qabel unanimament.

**58/06** **Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart (Jannar-Marzu 2022)**

**58/06/01** Is-SE ppreżentat ir-Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart u pproponiet l-approvazzjoni tar-rapport kif ippreżentat. Il-Kunsill qabel unanimament.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**58/07** **Aġġudikazzjoni tat-*Tender for the professional service of an architect to the Ħal Għargħur Local Council***

**58/07/01** Is-SE informat lill-membri li saret l-aġġudikazzjoni tat-tender - *Tender for the Professional Services of an Architect to the Hal Gharghur Local Council*. Is-SE ppreżentat ir-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni fejn wara li ġew skrutinjati s-seba' offerenti. Il-membri tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni qiegħed jirrakomanda lill-Kunsill li din it-Tender għandha tingħata lil Perit Neil Markham. Il-Kunsill qabel unanimament.

**58/08** **Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2022**

**58/08/01** L-applikazzjoni għall-fondi sottomessa mill-Kunsill Lokali tal-Għargħur għall-Iskema ta' Finanzjament – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2022 ġiet aċċettata.

**58/09** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**58/09/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**58/10** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**58/10/01** Il-laqgħa spiċċat fis-6:45p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 22 t' Awwissu 2022 fl-4:00p.m.

*( firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**